KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 27**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 20 ta' Lulju, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Joseph Cuschieri – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**27.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

27.01.01

Jurgen Carl Grixti – Kunsillier / Carmen Borg – Kunsillier / Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**27.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 26 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament..

**27.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ħarġu tenders għal-proġett ta' restawr ta' l-ferrovija, dawk ta' r-restawr u pavimentar.

27.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill t-tender biex il-kunsill jikri post għalaq u kien hemm sottomessjoni waħda u sa' ssir il-ħidma biex issir il-kuntratt meħtieġ. Huwa qal li minħabba li is-sit huwa ċentrali nitgħu narawa il-possibilta' li nkellmu l-awtoritajiet ta' s-saħħa biex naraw jekk hux interesati fil-post biex dan ikun jista jintuża bħala klinika ta' l-kommunita minflokk dik eżistenti.

27.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal fondi mid-DPF għal pavimentar ta' triq Kapillan Mifsud. Huwa qal li l-applikazzjoni ġiet acettata u issuġerixxa li kunsill japplika għat-tieni parti ta' l-istess Triq. Kunsill qabel unanimament.

27.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li qed issir ħidma biex kemm jista jkun residenti ta' Triq il-Kbira San Gużepp japplikaw għal l-iskema ta l-faċċati maħruġa mil-gvern. Huwa ħeġeġ lil kunsilliera biex jekk jafu xi nies. Iħeguwom japplikaw.

27.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li iċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Ħamrun Spartans kienu suċess u jittama li is-suċessi ta' l-klabb ikomplu jigħnu biex il-Ħamrun jkompli jieħu l-Ħajja. Huwa qal li jinstab kuntent li l-Kunsill għen fejn meħtieġ biex titħres is-saħħa ta' n-nies.

27.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li huwa mar jara is-sit li huwa propjeta ta' l-LEGA minħabba li hemm possibilta li jkollna fondi min l-ERA. Huwa qal li hemm ħsieb li jkun hemm sejħa għal dawk il-periti interesati li jisottometu pjanti ta' kif jista jsir il-post. Huwa qal li l-post sa' jibqa' ta' l-azzjoni kattolika iżda l-kunsill jkun jista jagħmel użu minnu. **Il-Kunsillier Vincent Bonello** qal li huwa jaqbel li jkomplu jsiru diskussjonjiet biex dan il-post jkun jista' jigi użat mir-residenti. Kunsil qabel unanimament.

**Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** qal li huwa u tfal kellom diskussjoni ma' l-uffiċju ta' l-Kumissarju ta' t-Tfal. Huwa qal li it-tfal ħarġu b'diversi ideat interesanti dwar x'jista'

jsir b'dan il-proġett, għaldaqstat sa tkun qed issir mixja b'xi tfal fit-28 ta' Lulju min żewġ postijiet lejn dan il-post, biex imbgħadt jaraw il-post min ġewwa.

**27.04 Proġetti fil-Ħamrun**

27.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-pjanti ta' Triq Qrejten ġew sottomessi lil Transport Malta u dawn talbuna nirranġaw xi affarijiet żagħar, huwa qal li perit iranġaħom u reġghu ġew sottomessi lil Transport Malta għal approvazzjoni.

27.04.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li għadejja l-aħħar ħidma biex Infrastructure Malta jibdew ix-xogħol fi' Triq Qormi u Triq Cordina Perez.

27.04.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li tender ta' bini għal ġnien fuq il-liċeo ħareġ u li talba lil Awtorita ta' l-ippjanar biex dawn jigħnuna finanzjarjament fit-tieni fażi ġiet milqgħuwa.

27.04.04 **Is-Sindku Christian Sammut** poġġa fuq il-mejda il-pjanti għal proġett ta' l-bandli ħdejn Pjazza San Pawl u issuġerixxa li il-pavimentar issr mil-kuntrattur tagħna. Kunsill qabel unanimemn.

27.04.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li hux informat li l-Progett ta' Pjazza 7 ta' Ġunju sa jkun hemm il-parkeġġ li hemm bħalissa iżda saħaq li kunsill jixtieq iktar dettalji. **Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** qal li residenti qed isaqauħ dwar il-proġett għax dawn ma' ingħatawx informazzjoni. **Is-Sindku Christian Sammut** qal li sa jkun qiegħed jagħmel kuntatt magħħom biex jiprova jġib iktar informazzjoni.

**27.05 Klampjar ta' Vetturi**

27.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li għalkemm qed nagħmlu diversi rapporti ta' vetturi abandunati, Transport Malta mhux ilaħaq ma' d-Domandali hawn. Huwa issuġerixxa li jekk ikun hemm bżonn il-kunsill jagħmel klampjar huwa skont il-liġi. Kunsill qabel unanimament.

**27.06 Toroq Infrastructure Malta**

27.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li waqt li għadejj ix-xogħol fi' triq Abela Scolaro, il-kunsill talab li jsir ċertu pavimentar ġdid u xi probemi ta' konessjoniejiet ta' l-ilma. Huwa qal ukoll lil għadejj ix-xogħol fi' Triq Atoċja u hemm ħsieb li jinbdew Triq Mimmosa, Triq San Gejtanu u Triq il-Vittorja

**27.07 Festa San Gejtanu**

27.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li ż-żewġ każini jixtiequ jorganizaw kunċert fi' spazzju magħluq fi' t-triq. Huma diġa għandom il-permessi meħtiega fostom ta' l-MTA u qed jitolbuna "No Objection" u għajnuna biex tingħalaq it-triq mingħand il-Kunsill. Kunsill qabel unanimament li nigħnu u tingħata 'No Objection' bil-kundizzjoni li jkollom il-permessi meħtieġa

27.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-festa ta' l-Imakulata Kunċizzjoni għadiet b'wiċċ il-ġid u xtaq jirringrazzja il-volontarji kollha. Kunsill qabel miegħu unanimament.

**27.08 Skeda ta' Ħlasijiet**

27.08.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2021.

**Il-Kunsillier Efrem Buttigieg** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** issekondat il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**27.10 Ħwejjeġ Oħra**

27.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li ir-residenti li kien qed jidħolom l-ilma fi' Triq Kapillan Mifsud infomawħ li l-problema ġiet solvuta. Huwa qal li irċeva ilment simili dwar resident fi triq Ċensu Bugeja. **Is-Sindku Christian Sammut** informaħ li Infrastructure Malta qalulu li din il-problema kienet hemm qabel u għaldaqstant dan għandu jagħmel ilment uffiċjali fejn juru li l-ħsara saret issa ma' x-xogħolijiet.

27.10.02 **Il-Kunsillier Vincent Bonello** qal li huwa importanti li meta il-Kunsill jixtri xi armar dawn ikunu disponibli li jintuzaw mil-kunsill. Huwa issuġerixxa li issir inventarju. Kunsill qabel unanimament.

27.10.03 **Is-Segretarju Eżekuttiv** informa lil kunsilliera li hemm bżonn jintbgħatu l-artikli għal magazine.

**27.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

26.10.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 ta' Awissu, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 17 ta' Awissu, 2021

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv